VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,296, 14 ta' Awwissu, 2014
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXXIII tal-2014

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), sabiex jipprovdi mekkaniżmu għal reviżjoni ta' ordnijiet għall-ħarsien fuq it-talba tal-ġenitur jew tal-kustodju tat-tifel jew żagħżugħ.

ACT No. XXXIII of 2014

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Children and Young Persons (Care Orders) Act, to provide a mechanism for review of care orders on the request of the parent or the guardian of the child or young person.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

14 ta' Awwissu, 2014

ATT Nru. XXXIII tal-2014

Att biex jemenda l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), sabiex jipprovdi mekkaniżmu għal reviżjoni ta' ordnijiet għall-ħarsien fuq it-talba tal-ġenitur jew tal-kustodju tat-tifel jew żagħżugħ.

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 285.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi.

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6) u minnufih wara s-subartikolu (4), għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Jekk il-Qorti tal-Minorenni tikkonferma li l-ordni saret taħt is-subartikolu (1), il-persuna msemmija fl-imsemmi subartikolu tista', wara erba' xhur wara dik il-konferma, titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tirrevedi l-ordni. Dik it-talba għandha ssir permezz ta' ittra reġistrata lid-Direttur tad-Dipartiment responsabbli għall-Ħarsien Soċjali. Id-Direttur għandu, mhux iżjed tard minn sebat ijiem mid-data tal-wasla ta' dik l-ittra, jirreferi l-każ lill-Qorti tal-Minorenni bl-istess mod

hekk kif preskritt taħt l-artikolu 13, b'dan illi dik il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar dik ir-referenza fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata mindu ssirilha.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

3. Fil-paragrafu (a) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-artikolu 4(3) u (4)" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 4(3), (4) u (5)".

Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55.

4. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 50 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili l-kliem "ħmistax-il ġurnata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħmistax-il ġurnata tax-xogħol".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 184 tal-25 ta' Lulju, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati